C/2026/2422

23.4.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12431 – EURAZEO / NETCO)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/2422)

1. Fis-16 ta' April 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Eurazeo S.E. ("'Eurazeo'", Franza),

— NetCo Group ("NetCo", Franza), li bħalissa huwa kkontrollat minn Ardian.

Eurazeo se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku ta' Netco.

Il-konċentrazzjoni se ssir permezz ta' xiri ta' ishma u x-xiri ta' titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Eurazeo hija kumpanija ta' investiment ikkwotata fi Franza, attiva f'diversi setturi,

— NetCo hija kumpanija Franċiża attiva fil-manutenzjoni tat-tipi kollha ta' sistemi ta' konvejers, id-distribuzzjoni ta' ċineg tal-konvejers u aċċessorji tal-maniġġ, u d-disinn u l-assemblaġġ ta' sistemi ta' konvejers industrijali magħmula apposta. Netco hija primarjament attiva fi Franza.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12431 — EURAZEO / NETCO

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.